CORPUS UKOLL GĦANDU L-ISTORJA TIEGĦU…



Tajjeb ngħidu li l-festa proprja tal-Ewkaristija hija nhar Ħamis ix-Xirka. Għal snin twal, il-Knisja kienet tiċċelebra dan il-jum b'ferħ kbir. Mas-seklu XIII, permezz tal-Franġiskani u l-aktar San Bonaventura bil-predikazzjoni tiegħu, bdiet tixtered id-devozzjoni qawwija lejn il-passjoni u l-mewt ta' Ġesu'.

Biż-żmien, fil-purċissjoni bis-Sagrament, nhar Ħamis ix-Xirka filgħaxija, il-fidili bdew jaraw id-difna ta' Ġesu' lejn il-qabar. Kien minn hawn li nibtet l-idea tas-"sepulkru". Fil-fatt, kienet titqigħed ostja f'kalċi li kien f'forma ta' pissidi u dan, kien jitgħatta b'biċċa għażel bajda marbuta b'qafla, biex juri "t-tkeffin" ta' Ġesu' li mbagħad, kien jitqghed f'kapsula li tirrappreżenta "l-qabar" ta' Ġesu'.

**Żminjiet iebsa**

Dan ġara wkoll minħabba l-ġrajjiet imwegħra li kienet għaddejja minnhom id-dinja dak iż-żmien, speċjalment l-Ewropa meta laħqet il-qofol tagħha *l-Gwerra tal-Mitt Sena* (1337-1453),bil-guħ u t-tbatijiet li gwerra bħal din iġġib magħha. Barra minnhekk, fl-Ewropa laħqet ukoll il-marda tal-pesta magħrufa bħala *l-Mewt is-Sewda* (1347-1351), li f'inqas minn sena qerdet terz tal-popolazzjoni.

Biż-żmien, biex ma jittappanx il-ferħ li ġġib magħha l-festa tal-Ewkaristija, in-nies bdiet tfittex okkażjoni oħra, imbegħda minn Ħamis ix-Xirka biex tiċċelebra l-festa tal- Ewkaristija. Kien il-Papa Urbanu IV, imqanqal mill-miraklu li kien sar f'Bolsena, ried li l-Knisja kollha tibda tiċċelebra l-festa ta' Corpus Domini, il-Ħamis wara l-festa tat-Trinita' Qaddisa.



Il-Bolla ta' Urbanu IV tal-11 ta' Awwissu1264, ma ssemmix purċissjonijiet, iżda ma għaddiex wisq żmien li dawn ma bdewx isiru b'solennita' kbira. Kienu jieħdu sehem fihom mhux biss il-kleru iżda wkoll l-awtoritajiet kollha ċivili u militari tal-post, il-prinċpijiet kif ukoll folol kbar ta' nies.

Għall-ewwel, l-Ewkaristija kienet tinġarr f'kalċi jew pissidi mgħotti, imma mbagħad, bdew isiru sferi u ostensorji ta' kull daqs u għamla.

**“Il-Kredu tal-Ewkaristija”**



Skond tradizzjoni antika li ilha mis-seklu XIV, kien San Tumas d’Aquino l-awtur tal-uffiċċjatura u l-quddiesa tal-festa’ ta’ Corpus Domini. It-tliet talbiet tal-quddiesa (kolletta, super oblata (ta’ fuq l-offerti) u l-post-communio (ta’ wara t-Tqarbin), kif ukoll is-sekwenza *Lauda Sion* – li xi wħud isejħulha “l-Kredu tal-Ewakristija”, ifissru b’mod ċar ħafna t-tagħlim ta’ San Tumas dwar l-Ewkaristija. Din is-sekwenza, tfisser b’mod tassew tal-għaġeb u bi kliem li jifhmu kulħadd, it-tagħlim kollu tal-Knisja fuq l-Ewkaristija. Dan jgħodd ukoll għall-innu *Pange Lingua Gloriosi* – “Agħti lsien, l-ogħla foħrija...” li jitkanta waqt il-purċissjonijiet Ewkarsitiċi.

Għalhekk, meta nieħdu sehem fil-purċissjoni ta’ Corpus Domini din is-sena, inżommu dan kollu f’moħħna.





1. Ostensorju mill-Katidral ta’ Sevilja, Spanja
2. Kustodja li tinġarr fil-purċissjoni ta’ Corpus Domini fil-Katidral ta’ Toledo, Spanja